MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Numru. 170/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**KONTRA**

**AMRAN ABDI SHEIKH AHMED ta' 25, bint Abdi u Seynab, imwielda s-Somalia nhar l-01.01.1986, residenti gewwa l-HFO Open Centre, Hal-Far, limiti taz-Zurrieq, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 47374A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **AMRAN ABDI SHEIKH AHMED** li giet akkuzata talli:

1. Nhar it-18 ta' Jannar, 2011 ghall-habta tal-15.00hrs, gewwa l-HFO Open Centre, Hal-Far, limiti taz-Zurrieq,

minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nasra Mohamed Khalif, skond ma ccertifika t-Tabib Dr Paul Zammit MD (numru tar-registrazzjoni 3242) mill-Isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata fl-istadju tal-interrogatorju, u dan wara li giet moghtija zmien xieraq mill-Qorti sabiex terga' tahseb fuq l-istess;

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-piena.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Rat l-Artikoli 218 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputata **AMRAN ABDI SHEIKH AHMED** hatja ta' l-akkuzi hekk kif dedotta fil-konfront taghha, u tikkundannaha sena (1) habs sospiza ghal sentejn (2) u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista' tal-mahfra rispettiva u c-cirkostanzi li issa jinsabu fiha l-partijiet, cioe' l-imputata u l-parte leza, mhux qieghda tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------